**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 13 ta' Frar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Omissis 1;**

**Matthew Portelli, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 398186M;**
**u**

**Omissis 2;**

*Kumpilazzjoni Nru. 124/2012*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis 1, Matthew Portelli u Omissis 2, u ċioè talli:

Nhar is-26 ta' Settembru, 2011, għall-ħabta ta' 00:05hrs ġewwa Triq il-Kanun, Santa Venera:

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37, minn Skan Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-detriment ta' Saviour Cutajar u/jew persuni ohra;

2. Talli fl-istess żmien u cirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 għad-dannu ta' Saviour Cutajar u/jew persuni oħra;

Nhar is-06 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta tas-00:50hrs ġewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar:

3. Ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeċċedi €2,329.37, minn Dad's Service Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Colin Sant u/jew persuni oħra;

4. Fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Colin Sant u/jew persuni oħra;

Nhar l-10 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta ta' 00:10hrs ġewwa Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa:

5. Ikkommettew serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeċċedi €2,329.37, minn Paul & Rocco Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' George Buhagiar u/jew persuni oħra;

6. Fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 għad-dannu ta' George Buhagiar u/jew persuni ohra;

Fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Ottubru, 2011:

7. Ġewwa ix-Xatt Tas-Sliema, ikkommettew serq ta' vettura ta' l-għamla Mazda 323 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAC 361 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €232.94, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Anthony Mifsud u/jew persuni oħra;

8. Fl-istess lejl bejn is-010:0hrs u s-02:30hrs ġewwa Triq in-Naxxar, Għargħur, flimkien ma' persuni oħra bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq minn ġewwa VC Service Station, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeccedi l-ammont €2,329.37 għad-detriment ta' Keith Chetcuti u/jew persuni oħra;

9. Fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Keith Chetcuti u/jew persuni oħra;

Nhar il-21 ta' Ottubru, 2011, għall-ħabta tas-01:30hrs ġewwa Triq Birkirkara, San Ġiljan:

10. Ikkommettew serq ta' Flus kontanti ta' ammont li jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37, minn Joem Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-detriment ta' Manuel Falzon u/jew persuni oħra;

11. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa izjed minn €116.47 għad-dannu ta' Manuel Falzon u/jew persuni oħra;

Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ottubru, 2011, ġewwa Triq Santa Liberata, Kalkara:

12. Ikkommettew serq ta' vettura ta' l-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 302 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Raymond Anastasi;

Matul il-lejl ta' bejn l-01 u it-02 ta' Novembru, 2011,:

13. Ikkommettew serq ta' żewġ pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura bin-numru FDL 004 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Sadem Ibrahim Al Hamid u/jew persuni oħra;

14. Talli għall-ħabta tat-03:50hrs ġewwa Triq il-Wied, Birkirkara, ikkommettew serq ta' diversi għodda ta' valur li jeċċedi €2,329.37, minn ħanut bl-isem 'Galdes and Mamo', liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Mario Saliba u/jew persuni oħra;

15. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix €1,164.69 imma hija iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Mario Saliba u/jew persuni oħra;

16. Talli fl-istess lejl għall-ħabta ta' l-04:30hrs ġewwa Triq l-Imsida, Gżira, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq minn ġewwa Paul and Rocco Petrol Station, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-ammont €2,329.37 għad-detriment ta' George Buhagiar u/jew persuni oħra;

17. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix € 1,164.69 imma huwa izjed minn € 116.47 ghad-dannu ta' George Buhagiar u / jew persuni ohra;

18. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ġewwa Wied is-Sewda, Ħal Qormi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli billi ħarqu vettura ta' l-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni HBD 302, liema ammont ta' ħsara jiskorri €1,164.69 għad-dannu ta' Raymond Anastasi;

19. Talli b'hekk xjentement issoprimew jew b'xi mod ieħor qerdu jew bidlu it-traċċi jew l-indizji ta' reat;

Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Novembru, 2011:

20. Ġewwa Triq Dr. Guze Miceli, Gżira, flimkien ma' persuni oħra ikkommettew serq ta' żewġ pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura bin-numru ABG 906 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Justine Self;

21. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi għamlu użu minn numru ta' identifikazzjoni xort'oħra minn dak mogħti mill-Pulizija jew mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

Lil Omissis 1 **u Matthew Portelli** waħidhom talli:

Fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Novembru, 2011:

22. Flimkien ma' persuni oħra ġewwa Triq il-Ponta ta' Dragut, Sliema, ikkommettew serq ta' żewġ pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' vettura bin-numru KAA 253 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bix-

xorta tal-ħaġa misruqa għad-detriment ta' Paul Edgar Busuttil u/jew persuni oħra;

23. Talli flimkien ma' persuni oħra nhar il-11 ta' Novembru, 2011, bejn 00:30hrs u s-01:15hrs minn ġewwa Paul & Rocco Petrol Station, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-ammont €2,329.37 għad-detriment ta' Paula Pace u/jew persuni oħra;

24. Talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Paula Pace u/jew persuni oħra;

25. Talli flimkien ma' persuni oħra, nhar il-11 ta' Novembru, 2011, bejn is-01:45hrs u s-02:00hrs ġewwa Triq l-Imdina, Attard, ikkommettew serq ta' *cash register* ta' valur li jeċċedi €232.94, minn Michael Attard Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Michael Attard u/jew persuni oħra;

26. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Michael Attard u/jew persuni oħra;

27. Talli flimkien ma' persuni oħra nhar il-11 ta' Novembru 2011 għall-ħabta tat-03:20hrs minn ġewwa Santa Marija Petrol Station, Triq il-Kbira, Mellieħa bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta tagħhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-ammont €2,329.37 għad-detriment ta' Reuben Farrugia u/jew persuni oħra;

28. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Reuben Farrugia u/jew persuni oħra;

Lil Omissis 1 waħdu talli nhar is-27 ta' Ottubru, 2011 għall-ħabta tas-01:20hrs ġewwa Triq il-Mitjar, Luqa:

29. Flimkien ma' persuni oħra ikkommetta serq ta' flus kontanti ta' ammont li jeċċedi €232.94, minn Magri Petrol Station, liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi €232.94 iżda mhux iktar minn €2329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' Joseph Magri u/jew persuni oħra;

30. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma jiskorrix €1,164.69 imma huwa iżjed minn €116.47 għad-dannu ta' Joseph Magri u/jew persuni oħra;

31. Talli b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. Michael Mallia LL.D. fit-12/01/2009, b'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €50,000 fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti;

32. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba titratta ma' Omissis 1 bħala reċidiv ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Lil **Matthew Portelli** waħdu talli b'diversi atti magħmulin minnu anki jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

33. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposta mill-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Edwina Grima LL.D fit-02/11/2010, b'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja u kif ukoll li jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mis-01:00hrs u ma joħrogx minn hemm qabel is-06:00hrs ta' l-għada filgħodu waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti;

34. Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba titratta ma' **Matthew Portelli** bħala reċidiv ta' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta' Artikolu 49 u 289 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Omissis 1 **u Matthew Portelli** u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmijin imputati kif ukoll tordna li s-somma ta' €50,000 bħala garanzija personali fil-każ ta' Omissis 1 u s-somma ta' €5,000 bħala garanzija personali fil-każ ta' **Matthew Portelli**, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati Omissis 1, Matthew Portelli u Omissis 2, iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qed jintalab ukoll li jkun hemm ordni li l-imputati jiddepożitaw il-karta ta' l-identita' kif ukoll il-passaporti tagħhom f'dawn l-atti u dan fid-dawl ta' l-iżvilupp tas-sħubija ta' pajjiżna fiż-żona Schengen ai termini ta' l-Artikoli 6A(b) ta' l-Att dwar il-Karta' ta' l-Identita', Kapitlu 258 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

- fl-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 289(1), 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277, 278, 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f),(ġ), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(ġ), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277, 278, 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f),(ġ), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(ġ), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f),(ġ), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(ġ), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.817

- fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 111(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f),(ġ), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(ġ), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f),(ġ), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(ġ), 276, 277(b), 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277, 278, 279(a), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a),(b),(c),(f), 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 276, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- fl-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat Matthew Portelli ma kellu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-1 ta' Novembru, 2018.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-28 ta' Jannar, 2019, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghajr ghall-akkuzi 13, 18 u 19 in kwantu jirreferu ghalih.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuzi 13, 18 u 19 u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali indika *inter alia* l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha ghajr dawk indikati, in vista tal-fatt li qatt ma gie akkuzat bir-recidiva ai termini ta' dak l-artikolu, din il-Qorti ma tqisx li ghandha tinstab htija skond dak l-artikolu.

Illi ghalhekk jibqa' sabiex jigu kkunsidrati l-akkuzi numru 13, 18 u 19 li jirreferu ghal-lejl ta' bejn l-1 u 2 ta' Novembru, 2011.

Illi ghalkemm ma saret l-ebda ammissjoni mill-imputat fil-kors tal-istqarrija li rrilaxxa, fuq skorta tad-decizjonijiet moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[2] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**,[3] kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[4] dik l-istqarrija, galadarba nghatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu, ma ghandiex aktar valur probatorju.

Illi l-akkuzi 13, 18 u 19 huma konnessi tenut kont li n-*number plate* li kien gie misruq minn fuq vettura propjeta` ta' Sadem Ibrahim Al Hamid instabet fuq van Ford Transit numru ta' registrazzjoni HBD302 propjeta` ta' Raymond Anastasi liema van, li kien intuza biex issir serqa, sussegwentement inghata n-nar f'Wied is-Sewda Hal Qormi.

---

[2] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[3] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[4] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

Illi **Charles Pace** xehed kif il-van li kien jappartjeni persuna Libjana u li kien ipparkjat fejn il-garaxx tieghu, sabu minghajr il-pjanci.[5] **Raymond Anastasi** xehed kif kien induna li l-vann tieghu, Ford Transit, gie misruq u rraporta s-serqa l-Ghassa.[6] **PS1181 Eugenio Caruana** esbixxa il-**Current Incident Report** relattiv ghas-serq tal-Ford Transit numru ta' registrazzjoni HBD302[7] li gie kkonfermat minn **WPC 315 Lisette Agius.**[8]

Illi **PS457 Jean Pierre Mifsud** xehed dwar kif kien instab van Ford Transit bin-numru tal-pjanci FDL004 jaqbad f'Hal Qormi li kien registrat fuq Sadem Ibrahim Al Hamid. Gie esebit il-**Current Incident Report** relattiv[9] li gie kkonfermat min **WPC319 Anna Marie Scerri.**[10] **Stephen Cachia,**[11] in rapprezentanza ta' Transport Malta, xehed li l-vettura bin-numru HBD302 kienet tappartjeni lil Raymond Anastasi filwaqt li dik bin-numru FDL004 lil Sadem Ibrahim Al Hamid.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax minn kien risponsabbli ghas-serq tal-pjanci FDL004.

Illi dwar l-hruq tal-van HBD302 gewwa Wied is-Sewda, xehed **Carmel Hartley** li jishaq li kemm hu kif ukoll l-imputat ma kienux konsapevoli tal-intenzjoni ta' Omissis 1 u Omissis 2 li dan il-van jinghata n-nar ghalkemm kienu maghhom meta sehh dak id-delitt. Jghid hekk *"Il-vann Transit kienu harquh zewg (2) persuni ohra. Glenn Debattista u Ryan Debattista*[12] *…Fil-fatt qaghdna bilqeghda gol-vann u ma xtaqnihomx li jaharquh…U ghidt li li mhux jaghmlu sewwa…..jiena u Matthew Portelli m'ghandna x'naqsmu xejn mal-hruq tal-vann. Dik kienet decizjoni ta' Glenn Debattista. Glenn Debattista u Ryan harquh….ma nistghux nwiegbu ghall-oggett li m'ghamilniehx fil-verita`. U li konna qeghdin prezenti u li rajnih jitfa l-petrol. Dak il-mument ahna tlaqna lhemm."*[13]

[5] Fol.349 *et seq.*
[6] Fol.440-441
[7] Fol.319 *et seq.*
[8] Fol.427 *et seq.*
[9] Fol.336 *et seq.*
[10] Folo.421 *et seq.*
[11] Fol.244 *et seq.*
[12] Fol.701
[13] Fol.702-703

Il-Qorti ma tarax ghalfejn ma ghandhiex temmen lil Hartley tenut kont li fejn kellu jerfa' r-responsabbilita` tieghu w involva lill-imputat dan ghamlu minghajr ezitazzjoni.

Illi din ix-xhieda mhux kontradetta la minn Glenn Debattista u lanqas minn Ryan Debattista tenut kont li t-tnejn li huma semplicement jghidu li kienu lkoll flimkien <u>fizikament</u>. **Glenn Debattista** jghid li wara li saret is-serqa hattew ir-*res furtiva "….hadna t-transit Hal-Qormi u tajnieh in-nar"*[14] filwaqt li riprodott jghid *"Matthew kien prezenti…."*.[15] Sahansitra **Ryan Debattista** jiddikjara *"hraqtu jien….jien hraqtu"* ghalkemm kienu prezenti l-erba li huma, *"team dejjem flimkien"*.[16]

Illi lanqas jirrizulta li l-imputat kien kompartecipi f'xi atti preparatorji li minnhom jista' jasal biex jinghad li kien konsapevoli tal-fatt li l-vann kien ser jinghata n-nar biex b'hekk jigu meqruda l-indizzji tar-reat tas-serq li kien ghadu kif twettaq. Minn imkien ma jirrizulta l-*common design* tal-imputat mal-awturi tar-reat, kif lanqas jirrizultaw provi indizzjarji li jistghu jimplikawh fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dylan McKay**:[17]

…..ma jidhirx illi l-appellant seta' kien l-ezekutur materjali tar-reati lilu addebitati, ghalkemm kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt.

<u>Illi allura l-appellant li kien prezenti fuq ix-xena tar-reat flimkien mal-ezekutur materjali tad-delitt jista' jitqies illi huwa ko-awtur jew fl-aghar ipotesi bhala komplici, billi, kif inghad, tingieb il-prova tal-allegat ftehim bejnu u bejn persuna wahda jew aktar</u>. <u>Dan ghaliex irid necessarjament jigi ippruvat dak li komunement huwa imsejjah l-'*common design*' bejn l-awturi u/jew l-komplići u l-komportament tal-istess irid jindika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi</u>. Dan il-komportament jew intenzjoni <u>irid jirriżulta mill-inqas mil-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem</u>, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni kompluta. Dan ghaliex:

**"Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat [Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter** – App.Sup. 14/12/2004]."

……..

---

[14] Fol.731

[15] Fol.797

[16] Fol.780

[17] Per. Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 29.10.2018; App. Krim. Nru. **523/2016**

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jezistu serje ta' cirkostanzi li setghu iwaqqghu suspett fuq il-persuna tal-appellant dwar l-involviment tieghu fil-kummissjoni tad-delitti lilu addebitati, madanakollu ma iwassalux sabiex jigi stabbilit il-ftehim pre-ordinat li tinneccessita l-ligi fil-figura tal-ko-awtur…….

Illi mehuda fl-assjem taghhom dawn il-fatti probatorji jistghu iwasslu biss ghal suposizzjonijiet izda mhux ghal fatti ippruvati…..

Illi '*jigi mfakkar li fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista' jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddeciedi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultaw fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'seta' gara probabbilment jew possibilment ma jikkostitwixxu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputat prezunt innocenti m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista' jaghmlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabilita'. [vide Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi]*'[18]7.

Maghdud dan, allura ghalkemm kif inghad il-komportament tal-appellant huwa suspettuz u filfatt dan qajjem diversi mistoqsijiet li l-Ewwel Qorti mmensjonat u espremiet fis-sentenza tagħha u li effettivament kienu l-bażi tas-sejbien ta' ħtija, jibqa' l-fatt pero' li dawn kienu u baqgħu mistoqsijiet li ftit li xejn kellhom risposta li tista' titqies bħala prova li, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni setgħu iwasslu għar-responsabbilta' kriminali tal-appellant ghal dan l-event kriminuz, mankanti provi oħrajn li setghu jaghtu konfort jew jikkorroboraw dak mistqarr mill-parti leza.

Finalment jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha tal-akkuzat fuq ix-xena tad-delitt ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi huwa kien fassal pjan ta' azzjoni mal-aggressur jew aggressuri sabiex jigu kommessi dawn id-delitti**.** Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif wasslet ghalihom ukoll l-Ewwel Qorti, certament dawn qatt ma jistghu b'xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi – ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista' tigi stabbilita ir-reita'. Regoli li ma isibux applikazzjoni ghal provi kemmxejn fjakki li ingibu mill-Prosekuzzjoni fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti. [sottolinejar tal-Qorti]

Illi lanqas jirrizulta li l-imputat jista' jinstab hati bhala komplici f'dawk ir-reati. Fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Kenneth Camilleri** l-Qorti qalet dan:[19]

Illi huwa minnu wkoll illi kif jidher car mir-rinviju għall-gudizzju mibgħut mill-Avukat Generali fil-15 ta' Settembru 2009, l-artikoli maħruga fil-konfront tiegħu jittrataw ma' l-istess imputat bħala awtur tar-reati in dezamina. Illi minkejja dan l-Ewwel Qorti u dan skont l-artikolu 467(2)3 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta setghet tiddikjara l-akkuzat ħati bħala komplici fir-reati aktar 'il fuq imsemmija. L-artikolu 467(2) jgħid is-segwenti: "Meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat, jew xi wieħed mill-akkuzati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat misjub fl-att tal-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat ħati bħala komplici f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reciprokament, meta persuna tkun akkuzata, fl-att tal-akkuza, b'komplicita f 'reat il-guri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-

[18]Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri), **Il-Pulizija vs Bjorn Cassar Simmonds**, Deċiża mill- 8.08.2018.

[19] Per Onor. Imhallef Michael Mallia, Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 15.01.2015, App. Krim. Nru. 586/2012

reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat u jekk hija tkun akkuzata b'kospirazzjoni għall-għemil ta' reat hija tista' tigi ddikjarata ħatja bħala komplici f'dak ir-reat jew bħala awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat, ikkunsmat jew ittentat, jekk ikun hemm provi ta' dan:"

Kif jinqtal fil-kawza **Il-Pulizija vs Agius Carmelo et.** [Qorti tal-Appell Kriminali, Vincent De Gaetano, 24/05/2002] "Persuna li tigi akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bħala awtur ta' delitt, tista' tinstab minn dik il-qorti ħatja sia ta' komplici f'dak id-delitt kif ukoll ħatja biss ta' tentattiv ta' dak id-delitt. Din hija l-linja li dejjem ħadu l-Qrati tagħna; u kienet tkun sitwazzjoni pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-procedura solenni tal-guri persuna li tkun akkuzata bħala l-awtur ta' reat tista' tinstab ħatja bħala komplici f'dak ir-reat jew ħatja ta' tentattiv f'dak ir-reat, fil-procedura essenzjalment sommarja quddiem il-Qorti tal-Magsitrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tali possibilita' ma kienetx tezisti."

Illi minn dak aktar 'il fuq imsemmi jirrizulta kjarament illi l-appellat Kenneth Camilleri irrenda ruħu komplici fir-reati addebitati lilu. Illi kif jgħid Sir Anthony Mamo[20] rigward il-komplicita "Now, the notion of participation in an offence implies that one and the same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."

Illi l-common design u cioe' "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it "huwa ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi, u allura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi Kenneth Micallef a bazi tal-Artikolu 43(d) irrenda ruħu komplici billi "b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat."…….

L-argument tal-Avukat Generali huwa validu peress illi Qorti tista' minflok ma ssib persuna hati ta' awtur tar-reat, issibu hati ta' komplici jew assocjazzjoni. Biex dan isir pero jrid jirrizulta "a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it." Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi Camilleri kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat ta' hruq tad-dar tas-sindku. [sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fid-dawl tal-provi akkwiziti u fuq dan l-insenjament ma jistax jinghad li l-akkuzi l-ohra, li ma saritx ammissjoni dwarhom, gew ppruvati sal-grad rikjest.

In kwantu ghall-piena din il-Qorti qiset in-natura serja tar-reati mwettqa mill-imputat, fejn f'temp ta' tlett xhur dan imbarka fuq serq sfrenat minn *petrol stations* kif ukoll fuq vetturi, il-karattru refrattarju tieghu minn fejn jirrizulta anke mis-sentenzi esebiti li *petrol stations* fil-kaz odjern kienu gja` sfaw fil-mira tal-imputat zmien qabel. Gie kkunsidrat is-*social enquiry*

[20] Lectures in Criminal Law Reprint 1986, fol. 124.

*report* izda ma setghax ma jigix nnutat ukoll li opportunitajiet moghtija lilu mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu gew mormija u sfumaw fix-xejn. Gew ikkunsidrati c-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li d-derubati gew rizarciti ghad-danni sofferti mill-*insurance companies* rispettivi.

Ma dawn jinghad il-fatt li dawn id-delitti jirrisalu ghall-2011 bil-procediment jesperjenza numru ta' perjodi li fihom ma sar l-ebda progress.[21]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** kkunsidrat: [22]

Din il-Qorti, f' diversi okkazzjonijiet kellha l-opportunita illi tippronunzja ruhha fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:
*it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Issir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis,** datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:
*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f' dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Ghalkemm ma kienx hemm dilungar f'dawn il-proceduri kawzat unikament mill-imputat, lanqas jista' jinghad li l-imputat rriforma ruhu fil-kors tat-trapass taz-zmien tant li fis-*social enquiry report* mitlub mid-difiza jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat rega' tressaq fuq akkuzi ohra ta' serq.

Illi rigward l-ammissjoni rregistrata mill-imputat issir riferenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) ikkunsidrat:[23]

---

[21] 16.05. 2014 – 14.05.2015; 17.09.2015- 29.09.2016; Prosekuzzjoni ghalqet provi taghha definittivament fit-23.03.2017 izda l-artikoli nhargu fil-11.09.2017, aktar minn sitt xhur wara.
[22] Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

12. Huwa veru li, bħalma ssottometta l-Avukat Ġenerali, l-appellant seta' ammetta wkoll qabel, cioe` fi kwalsiasi stadju minn meta ġie notifikat bl-Att ta' Akkuza 'l quddiem; seta' anke irregistra ammissjoni fil-kors ta' l-istruttorja; pero` wiehed m'ghandux jippretendi li f'każijiet hekk serji, fejn tkun qed tintalab saħansitra l-piena ta' priġunerija għall-għomor, l-akkużat m'għandux jieħu ż-żmien tiegħu biex iqis u jwieżen sew u akkuratament iċ-ċirkostanzi kollha qabel ma jammetti. Iżda anke jekk l-ammissjoni ta' l-appellant kellha tiġi kkunsidrata bħala waħda bikrija, bħalma ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fil-kawża **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri"** mogħtija fil-5 ta' Lulju 2002, l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

13. Ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni ġew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**, [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduċiet il-bran segwenti mill - (**Blackstone's Criminal Practice**, 2001, para. E1.18, p.1789).[24]

""Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In **Buffery (1992)** 14 Cr App R (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (**Hoult (1990)** 12 Cr App R (S) 180; **Claydon (1993)** 15 Cr App R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (**Wood[1997]** 1 Cr App R (S) 347) and/or given significant help to the authorities (**Guy [1999**] 2 Cr App R (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (**Morris (1988)** 10 Cr App R (S) 216; **Landy (1995)** 16 Cr App R (S) 908)).

Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (**Hollington (1985)** 82 Cr App R (S) 281; **Okee [1998]** 2 Cr App R (S) 199)). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the
court to conduct an enquiry into the facts (**Williams (1990)** 12 Cr App R (S) 415). The leading case in this area is **Costen (1989)** 11 Cr App R (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea',where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in Costen that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts." (**Blackstone's Criminal Practice**, 2001, para. E1.18, p.1789). [sottolinejar tal-Qorti]

---

[23] Onor. Imhallef, Agent President David Scicluna, Onor. Imhallef Abigail Lofaro, Onor. Imhallef Joseph Zammit Mc Keon, Deciza 23.10.2014; Nru. 22/2010
[24] Illum fir-Renju Unit jeżistu linji gwida maħruġa mis-*Sentencing Guidelines Council*.

Illi ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li Omissis 1 li fuq ammissjoni maghmula fl-2014 meta l-prosekuzzjoni kienet ghada qed tressaq il-provi taghha, gie kkundannat ghal 7 snin prigunerija.[25] Madanakollu jirrizulta li Omissis 1 instab hati ghall-serqa ohra, kif ukoll ghar-reati li qed jigi liberat minnhom l-imputat, izda mhux ghar-reat ravvizat bl-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, li jinsab addebitat bih l-imputat. L-imputat ghazel sal-ahhar nifs tal-proceduri sabiex jirregistra l-ammissjoni tieghu w ghalhekk ftit ghandha sservi ghall-riduzzjoni fil-piena erogabbli.

Illi gie kkunsidrat ukoll li l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 6, 9, 11, 15, 17, 24, 26 u 28 servew ta' mezz ai fini ghall- imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 8, 10, 14, 16, 23, 25 u 27.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi numri 13, 18 u 19, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 31, 41(1)(a), 49, 261(a),(b),(c),(f),(g) 262(1)(b), 263, 265, 267, 270, 271(g), 276, 277(b), 278, 279(a)(b), 280(2), 281, 289(1), 325(1)(b) u 579(2) tal-Kodici Kriminali, Kap.IX tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta,[26] issib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha, u tikkundannah ghall-piena ta' **seba (7) snin prigunerija**.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 579(1)(3)tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-ammont ta' €5,000 stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija hekk kif dekretat fit-2 ta' Novembru, 2010, mill-Onor. Magistrat Edwina Grima, jigi **kkonfiskat** favur il-Gvern ta' Malta filwaqt li qed **tirrevoka** l-helsien mill-arrest tal-imputat taht dak id-digriet.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,662.70c rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[27]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[25] Deciza 10.07.2014

[26] Il-piena fiz-zmien li sehh ir-reat kienet dik ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

[27] Ammont totali €4,988.12

**Notifika: Registratur tal-Qorti**